*Artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu, 2018**

**Numru 3**

**Rikors Numru 258/17TA**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Tonio Friggieri (K.I. numru 3870 (M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Bank Attur prezentat fit-23 ta' Marzu, 2017 u mahluf minn Johanna Bartolo ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Bank, li permezz tieghu talab is-segwenti:-

"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'tlett skritturi privati datati 11 ta' Gunju 2010 (Dok. "A"), 25 ta' Lulju 2014 (Dok. "B") u 13 ta' Novembru 2014 (Dok. "C") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Tonio Friggieri.

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Tonio Friggieri fis-somma ta' sitta u sebghin elf, mitejn u tmienja u ghoxrin Ewro u ghoxrin centezmu (€76,228.20) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan, Credit Card u Overdraft Accounts*" ta' Tonio Friggieri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa

D3", Dok. "E" u Dok. "F") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-7 ta' Marzu 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Tonio Friggieri:

   (a) naqas milli ihallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi,

   (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew,

   (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Tonio Friggieri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenut Tonio Friggieri gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Novembru 2015 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "G", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, tghid l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" ,"B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Tonio Friggieri (a) naqas milli ihallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Tonio Friggieri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Tonio Friggieri ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u sebghin elf, mitejn u tmienja u ghoxrin Ewro u ghoxrin centezmu (€76,228.20) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan, Credit Card u Overdraft Accounts*" ta' Tonio Friggieri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E" u Dok. "F") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-7 ta' Marzu 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament.

> Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Novembru 2015 (Dok. "G") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."

Rat li l-Konvenut minkejja notifikat baqa' m'ghamilx Risposta Guramentata kif titlob il-ligi u ghalhekk baqa' kontumanci;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fil-kors tal-Kawza;

Semghet ix-xhieda tal-Bank Attur;

Rat id-digriet moghti fludjenza tas-7 ta' Novembru 2017 (a` fol 58 ) fejn il-Konvenut gie moghti l-opportunita' li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet kif jitlob l-artiklu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet rispettivament prezentati fis-27 ta' Dicembru 2017 u fid-19 ta' Jannar 2018.

**Ikkunsidrat**

**1.** Irid jinghad, li l-Konvenut ma pprovax jiggustifika ghaliex baqa' kontumaci bhal per ezempju minhabba xi impediment legittimu **(Vol XXXVIII.i. pg.393)**. Jidher li l-Konvenut huwa fil-karrattru tieghu, li jerhi kollox ghaddej kif di fatti jidher anke mill-korrispondenza esebita mill-Bank u li mill-atti ma jirrisultax li wiegeb. L-anqas fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu ma jipprova jaghti imqar indikazzjoni li kien ta kaz dawn l-ittri.

**2.** B'dana kollu l-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-parti attrici; ghall-kuntrarju, il-

kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghamil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi - bhala element ta' disordni socjali (**ara App. Civ. Joseph Vella pro et noe vs John Vella maqtugha fil-21 ta' Mejju 1993**).

**3.** Ghalhekk meta l-ligi taht artiklu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprovdiet ghall-opportunita' biex il-parti kontumaci tkun tista', qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza, tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet, kienet fil-fatt qed tirrikonoxxi l-principju li dan l-Istitut xorta joffri kontestazzjoni u li ghandhom ikunu rispettati fil-minimu taghhom il-principji tal-Gustizzja Naturali, b'mod partiklari tal-*"audi alteram partem".* Izda f'dan ir-rigward issir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif preseduta fid-Decizjoni taghha tas-**26 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet Bank of Valletta plc-vs-Ta' Bettina & Co et**:-

> "*Fl-ewwel lok irid jigi rilevat, li ghalkemm il-Konvenuti kontumaci ghandhom id-dritt lilhom moghti taht l-Artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` li qabel ma l-kawza tmur ghas-sentenza jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet, dan ma jfissirx li f'din in-nota jistghu jissollevaw kwistjonijiet li*

*setghu jitqanqlu biss permezz ta' risposta formali kif titlob il-ligi, fost ohrajn l-intempestivita` tal-azzjoni. Kieku dan l-artikolu kellu jigi interpretat mod iehor, allura jaqbel ghal dak li jkun li ma jipprezenta xejn risposta guramentata, ossia nota ta' eccezzjonijiet, izda jipprezenta biss in-nota imsemmija. Di piu`, l-ligi ma tesigix li dik in-nota ghandha tkun innotifikata lill-Attur, ghalkemm ma hemm xejn xi jzomm lill-Qorti milli tordna din in-notifika. Izda jekk nota bhal din kellha tkun accettata minghajr ma l-Attur ikollu l-opportunita` li jwiegeb, allura jkun qieghed jigi pregudikat min ikun ghamel il-kawza, u kif ukoll jinfetah bieb sabiex minnu tidhol incertezza procedurali ghal min ikun ghamel il-kawza. Ghalkemm jidher li kienet l-intenzjoni tal-legislatur li jaghti opportunita` lill-konvenut kontumaci jghid tieghu in omagg tal-principju tal-'audi alteram partem', dan ma jfissirx min-naha l-ohra li dan isir a skapitu tad-drittijiet tal-attur, bir-riskju li jinkiser dan il-principju fil-konfront tieghu.*"

**4.** Ghalhekk fid-dawl tal-principji fuq imsemmija l-Qorti qed tikkunsidra s-segwenti. Il-Konvenut f'ebda hin ma jikkontendi li l-ammont li qed jirriklama l-Bank Attur ma hadux jew ma hux dovut. Jipprova jaddentella l-ilmenti tieghu ma' formalitajiet li setghu iservu biss ta' difiza kieku l-Konvenut presenta Risposta guramentata kif titlob il-ligi. Anke f'din l-eventwalita` ma kienx ifisser li din bilfors kienet difiza tajba. L-anqas ma jaghti spjega ghaliex injora ghal kollox il-korrispondenza lilu mibghuta jew jaghti xi spjega li fil-fatt l-ammonti mitluba ma ttiehdux minnu jew talinqas ghalfejn qed jikkontestahom, jekk kien il-kaz.

**5.** Wara li din il-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti mill-Bank Attur, fost ohrajn dawk iffirmati minnu u kif ukoll il-garanziji moghtija mill-istess Konvenut lill-Bank Attur biex jiggarantixxi r-radd lura tal-ammonti minnu mehuda, il-Qorti hija konvinta, li l-ammont li qed jintalab huwa gustifikat u li ghalhekk it-talbiet tal-Bank Attur ghandhom jintlaqghu.

## Decide

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-Kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel talba Attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-Konvenut (a) naqas milli ihallas il-pagamenti dovuti lill-Bank Attur kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-Bank Attur.

**Tilqa'** it-tieni talba Attrici u tikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Bank Attur is-somma ta' sitta u sebghin elf, mitejn u tmienja u ghoxrin Ewro u ghoxrin centezmu (€76,228.20) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan, Credit Card u Overdraft*

*Accounts*" flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-7 ta' Marzu 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament.

**Bl-ispejjes** kollha tal-Kawza kif mitluba a` karigu tal-Konvenut.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**